MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 383/2009

**Il-Pulizija**
**(Asst. Kumm. Neil Harrison)**
**Vs**
**Jason Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fit-8 ta' Jannar 2003 u matul l-aħaħr tleit chur qabel dina d-data:

a) ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur ta-ddispożizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal- Mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

b) biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;

ċ) kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l- Professjonijeit li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r- Regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

d) kellu wkoll fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis bi ksur tal- artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kentix għall-użu tiegħu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ir-regolament (1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii), 120A(1B), 120A(2B) tal-Kap. 31, l-artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1) u 29 tal-Kap. 101, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li l-imputazzjoni (c) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) u l-imputazzjoni (d) hija assorbita fl-imputazzjoni (b) u kkundannatu ghal tmien xhur prigunerija w ghall-hlas ta' multa ta' €550, liema multa tista' tithallas f'rati ta' €40 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat. Jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc jithallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Il-Qorti ssekwestrata il-mobiles li kienu pprezentati.
Dwar il-flus elevati (LM 235 - €549.9) dawn ghandhom ikunu kkonfiskati wkoll.
Jekk kemm-il darba tqabbdu xi esperti, l-Qorti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, ikkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez li jkunu likwidati mir-Registratur.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.
Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, l-Qorti ma kkundannatx lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura matul l-inkjesta ghaliex din saret is-16 ta’ Jannar, 2006.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 t’Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w timmodifika s-sentenza appellata w dan billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet htija, tirriformaha in kwantu infliggiet il-piena w tinfliggi piena inqas severa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-
Illi dan huwa appell illi qed jitratta principalment il-piena nflitta fuq l-appellant. Sa mill-bidu nett ta’ l-investiazzjoni, l-appellant ammetta l-involviment tieghu, u dan permezz ta’ stqarrija cara, kif ukoll peress li waqt it-tfittxija huwa minn jeddu ikkonsenja lill-Pulizija d-droga kollha li fil-fatt instabet ghandu.

Ikkunsidrat :

Illi dan hu appell limitat ghall-piena peress li l-appellant deherlu illi l-piena ta’ prigunerija ta’ tmin xhur hija eccessiva mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz.

Argumenta illi huwa dejjem ikkoopera mal-Pulizija avolja ma xehedx u ma tax dettalji precizi pero’ minn naha l-ohra, indika lil-Pulizija l-post preciz minn fejn kien qed jigi fornut bid-droga.

Il-Pulizija sabet erba w ghoxrin pilloli ecstasy kif ukoll xi cannabis fil-pussess tal-appellant. Hu ilmenta illi ma nghatax il-beneficcju bizzejjed skond id-dispost tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 u ma kienx tort tieghu illi l-Pulizija ma

waslet imkien fl-investigazzjonijiet taghha. Di piu, r-reat jirrizali sa l-2003 u minn dak iz-zmien l-appellant ma regax kiser difru mal-Ligi. Qed jiehu l-kura ghal “depression”. Huwa “single father” u qed jiehu hsieb tifla ta’ hmistax-il sena.

Kien ghalhekk li mehud dawn ic-cirkostanzi deherlu illi l-piena ta’ prigunerija ta’ tmin xhur hija eccessiva.

Minn naha l-ohra l-Qorti tara illi l-appellant ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn jaghti xi deposizzjoni.

Ma dan kollu l-Ewwel Qorti ma kellhix wisq ghazla meta giet biex timponi l-piena. L-artikoli relattivi ghal dan il-kaz kienu dawk numru 120(a)(7) tal-Kap. 31 u Section 22 (7) tal-Kap. 101.

Il-piena karcerarja ghal min jinstab hati taht dawn l-artikoli hija tassattiva w il-qorti m’ghandhix ghazla jew alternattiva ohra. Il-piena tvarja minn sitt xhur sa massimu ta’ ghaxar snin u ghalhekk l-piena inflitta ta’ tmin xhur hija fuq in-naha l-baxxa tal-parametri tal-ligi.

Ghalhekk huwa ovvju li l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni tal-fatti speci ta’ dan il-kaz kif ukoll is-sitwazzjoni psikologika, medika w socjali tal-appellant u kienet fil-parametri tal-ligi meta stabbilit il-piena.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenza tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha **(Il-Pul. Vs Carmelo Schembri 28.04.1995)**.

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet dan l-apprezzament u waslet ghall-konkluzjoni illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi

waslet ghaliha.  Ghalhekk mhux il-kaz illi s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------